MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-4 ta' Mejju, 2018

Rikors Maħluf Numru 248/2018 LM

**Alessandro Zahra (K.I. Numru 446574M) eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem GAD Home Finishings**

***vs.***

**Steel Structures Company Limited (C4192)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fis-16 ta' Marzu, 2018 mill-attur **Alessandro Zahra** (minn issa 'l quddiem "l-attur"), maħluf minnu stess, u li jgħid kif ġej:

***A Dikjarazzjoni tal-Fatti***

*1. Peress illi s-soċjetà intimata għandha tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma komplessiva ta' tmintax-il elf, sitt mija u tnax-il euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€18,612.29) rappreżentanti l-prezz bilanċjali ta' xogħol ta' appalt esegwit għall-*

*benefiċċju u fuq inkarigu tas-soċjetà intimata u kif rifless minn żewġ cheques mgħoddija lir-rikorrent iżda mhux onorati u ritornata bħala refer to drawer;*

*Illi r-rikorrent jaf b'dawn il-fatti huwa personalment.*

***B Raġuni għat-Talbiet f'dawn il-Proċeduri***

*3. Peress illi s-soċjetà intimata ġiet interpellata għall-ħlas bilanċjali baqgħet inadempjenti;*

*4. Peress illi dan l-ammont huwa ċert, likwidu u dovut u s-soċjetà intimata m'għandhiex eċċezzjonijiet x'tagħti għat-talbiet attriċi;*

***C Talbiet tar-Rikorrent***

*Tgħid is-soċjetà intimata għar-raġunijiet premessi prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:-*

*1 Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża ai termini tal-artikoli 167-171 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; u*

*2 Tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas l-ammont bilanċjali kumplessiv ta' tmintax-il elf, sitt mija u tnax-il euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€18,612.29) flimkien mal-imgħaxijiet legali dekorribbli mit-28 ta' Frar, 2017 sal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali datata 19 ta' Frar, 2018 ġia intavolata qabel il-preżenti, kontra s-soċjetà intimata li hija inġunta għas-subizzjoni.*

Rat in-nota tas-soċjetà konvenuta **Steel Structures Company Limited (C4192)**, (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta") ippreżentata minn Dr Alicia Camilleri għan-nom tal-istess soċjetà konvenuta nhar it-18 ta' April, 2018, li permezz tagħha eċċepiet illi:

*Illi permezz tagħha u ai termini tal-artikolu 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta topponi għat-talbiet tal-atturi u topponi għat-talba bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-artikolu 167 et seq tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta stante li:*

1. *Il-proċedura ma hix regolari u ma ssegwix ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan senjatament stante li r-rikors huwa nieqes mill-ordni lill-konvenut biex jidher il-qorti fil-jum u fil-ħin li jiġu mogħtija u dan ai termini tal-artikolu 167 (2);*
2. *Rigward dan l-ammont l-attur diġà ppreżenta Ittra Uffiċjali ai termini tal-artikolu 166A u għandu titolu eżekuttiv.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet ix-xhieda tal-attur.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-18 ta' April, 2018, fejn il-Qorti wara li semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet, qieset li m'hemmx eċċezzjonijiet x'jingħataw mis-soċjetà konvenuta, u ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-attur huwa persuna fin-negozju, li ppresta servizzi u xogħlijiet marbuta ma' xogħol tal-*gypsum* lis-soċjetà konvenuta. Mitluba tħallas dak dovut minnha lill-attur, is-soċjetà konvenuta ħarġet żewġ ċekkijiet, wieħed bid-data tal-31 ta' Jannar, 2017, fl-ammont ta' għaxart elef Euro (€10,000), u l-ieħor

bid-data tat-28 ta' Frar, 2017, fl-ammont ta' tmint elef, sitt mija u tnax-il Euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€8,612.29), li, iżda, meta l-attur mar biex isarraf dawn iċ-ċekkijiet dawn ma ssarrfux mill-bank, u minflok ġew ittimbrati bil-kelmiet '*Refer to Drawer*'.'

Fid-9 ta' Marzu, 2017, l-attur ipproċeda b'ittra uffiċjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta kontra s-soċjetà Solid Structure (C32976)[1], fejn hemmhekk talab ħlas mingħand dik is-soċjetà fl-ammont ta' għoxrin elf, tliet mija u tnejn u tmenin Euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€20,382.29), u maż-żmien anki pproċeda b'talba għall-ħruġ tal-mandati opportuni kontriha, għalkemm dawn ġew irtirati in vista tal-fatt li d-debitriċi tal-attur hi s-soċjetà konvenuta odjerna. Inoltre fid-19 ta' Frar, 2018, l-attur ipproċeda bl-intavolar ta' ittra uffiċjali oħra[2], din id-darba kontra s-soċjetà konvenuta odjerna, fejn wara li ppremetta li hi debitriċi tiegħu fl-ammont ta' tmintax-il elf, sitt mija u tnax-il Euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€18,612.29), għal xogħol ta' appalt esegwit minnu, liema dejn is-soċjetà konvenuta rrikonoxxiet verbalment diversi drabi, hu interpella lis-soċjetà konvenuta tersaq għall-ħlas tal-ammont dovut minnha flimkien mal-imgħaxijiet dekorribbli mit-28 ta' Frar, 2017, sad-data tal-pagament effettiv.

Is-soċjetà konvenuta wieġbet li dan l-ammont mhux dovut minnha, u sussegwentement l-attur ipproċeda bl-intavolar ta' dawn il-proċeduri fejn qiegħed jitlob lill-Qorti tipproċedi bil-proċedura speċjali sommarja. Ir-risposta tas-soċjetà konvenuta għat-talbiet tal-attur hija li dan diġà għandu titolu eżekuttiv bis-saħħa tal-ittra uffiċjali ppreżentata minnu ai termini tal-artikolu

[1] *A fol.* 18.
[2] *A fol.* 4.

166A tal-Kap. 12, għalkemm is-soċjetà konvenuta laqgħet għat-talbiet kontenuti f'dik l-ittra uffiċjali billi qalet li l-ammont mitlub mill-attur mhux dovut minnha.

Il-Qorti tinsab konvinta li l-attur ma tħallasx għax-xogħol esegwit minnu, stante li s-soċjetà konvenuta ħarġet ċekkijiet sabiex tħallas lill-attur għal dawn ix-xogħlijiet, liema ċekkijiet ma ġewx onorati. Il-fatt biss li kien hemm sembjanza ta' ħlas da parti tas-soċjetà konvenuta, anki jekk b'ċekkijiet li ma ssarrfux, jammonta għal ammissjoni da parti tas-soċjetà konvenuta li l-ammont pretiż mill-attur hu dovut fl-intier tiegħu. Di più, il-Qorti tinsab konvinta li quddiem it-talba tal-attur, is-soċjetà konvenuta m'għandha l-ebda provi jew eċċezzjonijiet xi tressaq.

Għalhekk il-Qorti hi sodisfatta li l-attur seħħlu jipprova l-każ tiegħu skont il-liġi. In vista tas-suespost, din il-Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, u tirrespinġi r-risposta tal-intimati.

<u>**Decide**</u>

**Għaldaqtant għar-raġunijiet fuq premessi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ u dan a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta);**

2. **Tiddikjara li s-soċjetà konvenuta Steel Structures Company Limited (C4192) hija debitriċi fil-konfront tal-attur fis-somma ta' tmintax-il elf, sitt mija u tnax-il Euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€18,612.29); u**

3. **Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta (C4192) tħallas lill-attur is-somma ta' tmintax-il elf, sitt mija u tnax-il Euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€18,612.29), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjetà konvenuta u bl-imgħax kummerċjali mid-dsatax (19) ta' Frar, 2018 sal-effettiv pagament.**

Moqrija.